Qorti ta' l-Appell

(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru:- 897/2015/1

**Mobisle Communications Limtied (C24655) u b'digriet mogħti fis-16 ta' Frar, 2016, GO p.l.c. (C22334) li assumiet l-atti minflok is-soċjetà Mobisle Communications Limited**
**(appellanti)**

**Vs**

**Simon Estates (Naxxar) Limited (C35740)**
**(appellata)**

20 ta' Ottubru, 2017.

1. Permezz ta' Avviż ta' Talba ppreżentat fit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fit-23 ta' Novembru 2015, is-soċjetà Mobisle Communications Limited talbet li s-soċjetà konvenuta Simon Estates (Naxxar) Limited tiġi kundannata tħallasha s-somma ta' disa' mija u tnejn u ħamsin ewro u ħmistax-il ċenteżmu (€952.15) rappreżentanti diversi kontijiet għal-servizzi telefoniċi li ma ġewx imħallsa, bl-ispejjeż u bl-imgħaxxijiet legali.

2. Permezz ta' risposta[1] ppreżentata fid-9 ta' Diċembru 2015 is-soċjetà konvenuta wieġbet li t-talba attriċi hija infondata fil-fatt u fid-dritt u għandha tiġi miċħuda u li f'kull każ l-ammont mitlub mhux dovut.

3. B'rikors ppreżentat fis-26 ta' Jannar 2016 is-soċjetà GO p.l.c., filwaqt li ppremettiet li s-soċjetà attriċi ġiet amalgamata fiha u konsegwentement imneħħija minn fuq ir-reġistru tas-soċjetajiet, talbet li tiġi awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża minflok is-soċjetà Mobisle Communications Ltd a tenur tal-artikolu 810A tal-Kap. 12, liema talba ġiet milqugħa fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2016.

4. Permezz ta' sentenza tal-24 ta' Frar 2016, it-Tribunal għal Talbiet Żagħar iddeċieda li ma jistax isib lis-soċjetà konvenuta responsabbli biex tħallas

[1] Fol. 28

kontijiet li ma ffirmatx għalihom u konsegwentement ċaħad it-talbiet attriċi bl-ispejjeż kontriha. Il-motivazzjoni tat-Tribunal kienet is-segwenti:

> *'Simon Debono spjega illi huwa kien waqqaf is-servizzi billi nforma lis-soċjetà attriċi biex itemm dan is-servizz tant li rritorna s-sim cards. Dan jidher ukoll filfatt illi ma saru ebda calls u l-ammont mitlub huwa biss ta' kera ħlief għal xi ftit istanzi partikolari.*
>
> *Inoltré tqajmet il-kwistjoni illi l-kuntratt sar fuq SAM Estates Naxxar Ltd kif jirriżulta a fol 6 tal-proċess mentri l-kawża infetħet fuq Simon Estates. Simon Estates żgur ma għandha l-ebda konnessjoni ma dawn il-kontijiet. Li kieku l-kawża nfetħet fuq Simon Debono nnifsu peress illi iffirma s-subscription order form allura l-affarijiet kienu jkunu differenti.'*

5. Illi minn din is-sentenza appellat is-soċjetà Go p.l.c. Hija ppremettiet li minkejja li fis-16 ta' Frar 2016 hija kienet ġiet awtorizzata tassumi l-atti minflok is-soċjetà Mobisle Communications Ltd, li fil-frattemp kienet ġiet amalgamata fiha u mneħħija minn fuq ir-reġistru tas-soċjetajiet, is-sentenza appellata xorta ħarġet fil-konfront ta' Mobisle Communications Ltd. Fil-mertu, l-aggravju ta' GO p.l.c. huwa li t-Tribunal għal-Talbiet Żgħar naqas milli jieħu konjizzjoni korretta tal-evidenza kollha li kellu għad-dispożizzjoni tiegħu, u li japplika b'mod korrett il-prinċipji legali viġenti u per konsegwenza b'mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi b'mod li ppreġudika l-jeddijiet tas-soċjetà appellanti.

6. Illi permezz ta' risposta datata 21 ta' Marzu 2016, l-appellata wieġbet li l-appellanti ma kelliex dritt ta' appell skont is-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 8 tal-Kap. 380 b'dan illi l-appell tagħha huwa null. F'kull każ is-sentenza appellata hija ġusta fil-fatt u fid-dritt u timmerita konferma.

**<u>Ikkunsidrat</u>:**

7. In kwantu għall-kwistjoni proċedurali sollevata mill-appellanti, fis-sens li l-okkju tad-deċiżjoni appellata ma jirriflettix id-digriet mogħti mit-Tribunal fl-udjenza tas-16 ta' Frar 2016 li permezz tiegħu l-appellanti ġiet awtorizzata tassumi l-atti tal-kawża minflok is-soċjetà Mobisle Communications Ltd, a tenur tal-artikolu 175(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta din il-Qorti **tordna l-korrezzjoni** relattiva fl-okkju tad-deċiżjoni appellata u l-atti tal-appell odjern li għandhom jaqraw: ***'Mobisle Communications Limited (C24655) u b' digriet mogħti fis-16 ta' Frar 2016 GO p.l.c. (C22334) li assumiet l-atti minflok is-soċjetà Mobisle Communications Limited".***

8. Sorvolat dan, se tiġi kkunsidrata l-preġudizzjali tan-nullità sollevata mill-appellata. Hija tagħmel referenza għas-subartikoli (2) u (3) tal-artikolu 8 tal-Kap. 380 li jipprovdu kif ġej:

> *'(2) Indipendentement mill-ammont tat-talba, jista' dejjem isir appell fil-każijiet li ġejjin:*
>
> *(a) fuq kull ħaġa li jkollha x'taqsam mal-ġurisdizzjoni tat-Tribunal;*
> *(b) fuq kull kwistjoni ta' preskrizzjoni;*
> *(ċ) fuq kull nuqqas ta' tħaris tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 7(2);*
> *(d) meta t-Tribunal ikun b' mod gravi mar kontra d-dettami tal-imparzjalità u tal-ekwità skont il-liġi u dik l-azzjoni tkun ippreġudikat il-jeddijiet ta' min jappella.*
>
> *(3) Ikun hemm ukoll dritt ta' appell fil-każijiet kollha fejn l-ammont in kwistjoni, kalkolat skont id-disposizzjonijiet tal-artikolu 3(2), jaqbeż elf u ħames mitt euro (€1,500).'*

9. L-ammont in kwistjoni hu inferjuri għal €1,500 u għalhekk l-appellanti ma tista' tappella biss fuq il-materji li jissemmew fl-artikolu 8(2) tal-Kap. 380. Effettivament, l-appellanti ibbazat l-appell fuq paragrafu (d) u l-appellata ssostni li '*ma jirriżulta minn imkien li t-Tribunal Għal Talbiet Żgħar kien b'xi mod imparzjali, jew kiser b' mod gravi l-prinċipju tal-ekwità skont il-liġi, b'mod li ġew preġudikati d-drittijiet tas-soċjetà appellanti*'.

10. L-appellata tirreferi għad-deċiżjoni fl-ismijiet ***Grima Communications Ltd vs Victor Said*** deċiża fil-15 ta' Mejju 2002 fejn ingħad li:

> *'... id-dritt tal-appell fit-Tribunal għat-Talbiet Żgħar ma jestendix għal każijiet fejn hu allegat li kien hemm applikazzjoni ħażina tal-liġi u allegata interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi ma jaqgħux fil-parametri tal-artikolu 8 (2) tal-Kap 380. Tali ksur irid ikun ta' ċertu gravita' bi ksur proċedurali lampanti bħal ksur tal-prinċipji naturali tal-ġustizja bħal l-"audi alteram parte".*
>
> *... Aggravji prinċipalment bażati fuq allegata interpretazzjoni u applikazzjoni ħażina tal-liġi li bl-ebda mod ma huma marbuta u addebitati lil xi nuqqas ta' imparzjalita' tat-Tribunal jew ma' xi allegazzjoni li dan mar kontra d-dettami tal-ekwità kif trid il-liġi ma jaqgħux fil-parametri tal-artikolu 8 (2) tal-Kap 380 – Gasan Insurance Agency Limited nomine vs The Cargo Handling Company Limited'*

11. Dwar it-tifsira tal-ekwità l-appellata tagħmel referenza għad-deċiżjoni ta' din il-Qorti fl-ismijiet ***Hannah McGivern vs André Vella Borda*** deċiża fil-5 ta' Frar 2016, fejn ingħad illi:

> *'Equity is not intended to substitute the law:*
>
> *"Dejjem tajjeb li jiġi qabel xejn imfakkar illi kif drabi oħra rilevat, "l-ekwità minnha nfisha trid li ssir ġustizzja u jekk ikun jeżisti dritt li jiskaturixxi minn obbligazzjoni assunta legalment u li tirrizulta jew minn xi disposizzjoni kontrattwali regolarment konvenuta u aċċettata bejn il-kontendenti, l-ekwità trid illi dik id-disposizzjoni, dik l-obbligazzjoni, mhux biss tiġi onorata, imma tiġi protetta mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar, li wara kollox, qiegħed hemm biex jagħmel ġustizzja. Ikun l-akbar kontro-sens li jingħad illi minħabba konsiderazzjonijiet oħra, li fil-fehma tat-Tribunal għat-Talbiet iż-Żgħar ikunu importanti, drittijiet legali jiġu skartati u addirittura injorati jew negati meta huwa evidenti illi dan ma jkun xejn ħlief illegalità li minnha nfisha ma hiex konfaċenti u kompatibbli mal-kunċett ta' ekwità" (**Gasan Mamo insurance Limited vs RyanAir Ltd** Appell Nru 897/2009 deċiż 27 ta' Mejju 2015)'*

12. L-appellata targumenta li f'dan il-każ, it-Tribunal ta' opportunità xierqa u adegwata liż-żewġ partijiet biex iressqu l-provi u jagħmlu s-sottomissjonijiet legali u fattwali li ħassew opportuni b'dan illi ma jistax jingħad li t-Tribunal kien b'xi mod imparzjali jew ma tax opportunità lill-partijiet jagħmlu l-każ tagħhom.

13. Filwaqt li huwa minnu li l-partijiet ingħataw l-opportunità jressqu l-provi u s-sottomissjonijiet tagħhom, in materja ta' ekwità jinsab ukoll deċiż li:

> *'l-ġustizzja u l-ekwita` jirrikjedu illi d-deċiżjoni tat-Tribunal tkun bażata fuq il-fatti provati. Filwaqt li din il-Qorti ta' reviżjoni ma għandhiex il-kompetenza biex tissindika deċiżjoni ta' fatt li jkun wasal għaliha t-Tribunal in kwantu din hi materja ta' kompetenza esklussiva tiegħu, din il-Qorti ma hix eskluża mill-funzjoni li tiddeċiedi jekk tali deċiżjoni ta' fatt kienetx tirrifletti l-ġustizzja sostantiva u l-ekwità. **Ġustizzja sostantiva li fil-verità trid tkun bilfors konfortata b'modiku ossia minimu ta' fatt provat. Huwa wkoll prinċipju ta' ġustizzja naturali illi l-ġudikant għandu jiddeċiedi iuxta allegata et probata u ma jistax jiddeċiedi manifestament u ovvjament kontra dak li ġie quddiemu provat"**[2] – "**Carmel Gerada -vs- Charles Borg Barthet (Beta Centre)**", Appell, 29 ta' Jannar 1999'.*[3]

---

[2] enfasi tal-Qorti.
[3] ***Jennifer Hubbers v Rite Mix (Gatt Bros) Ltd.***, Qorti tal-Appell, 26.01.2005.

14. F'dan l-isfond, din il-Qorti sejra tikkunsidra l-aggravju tal-attriċi appellanti.

15. Is-soċjetà GO p.l.c. tilmenta li t-Tribunal kien żbaljat meta qies li s-soċjetà konvenuta '*ma għandha l-ebda konnessjoni ma dawn il-kontijiet'.* Mill-kuntratti eżebiti jirriżulta ċar li għalkemm l-isem tal-klijent huwa indikat bħala SAM Estates (Naxxar) Ltd, in-numru tar-reġistrazzjoni huwa C35740, ossija n-numru tar-reġistrazzjoni tal-konvenuta kif jirriżulta mill-avviż ta' talba u **Dok.B** mehmuż magħha. Kull tibdil fl-isem tagħha matul iż-żminijiet ma jbiddel xejn mill-fatt li bħala entità hija baqgħet l-istess u l-attriċi kienet legalment korretta meta fl-avviż promutur indikat lill-konvenuta b' dak l-isem li hija kellha fiż-żmien meta ġew istitwiti dawn il-proċeduri. Inoltre, Simon Debono stess ikkonferma li dawn is-servizzi ingħataw lill-konvenuta li għamlet użu minnhom u allegatament talbet it-twaqqif tagħhom. L-appellata tilmenta ulterjorment li t-Tribunal kien ukoll żbaljat jistqarr li '*kieku l-kawża nfetħet fuq Simon Debono nniffsu peress li ffirma s-subscription order form allura l-affarijiet kienu jkunu differenti'*. Hija tikkontendi li jirriżulta ċar li meta Simon Debono iffirma l-kuntratti għas-servizzi telefoniċi kien qiegħed jagħmel hekk a nom u in rappreżentanza tal-konvenuta appellata u mhux fil-vesti personali tiegħu.

16. Illi in rappreżentanza tal-attriċi illum appellanti xehedet Simone Whiteman, *Credit Control Manager*, li sostanzjalment spjegat li l-ammont dovut fil-maġġior parti jirrapreżenta *rental charges* ta' ħames (5) linji tat-telephone ċellulari. Mistoqsiha jekk il-konvenuta kinitx tat struzzjonijiet sabiex jitwaqqfu s-servizzi relattivi, wieġbet li dak iż-żmien ma kinitx tieħu ħsieb hi u ma tafx. Il-kliem *monthly charges for GO Mobile Services* taħt l-intestatura *'konsum'* effettivament jirrapreżentaw *monthly charges* u '*migration'* tirreferi għal meta ddawwru kontijiet minn sistema għall-oħra.

17. Da parti tiegħu, Simon Debono għall-konvenuta xehed li kien ikkunratta għal dawn il-*mobile phones* għan-*negotiators* li jaħdmu miegħu bħala *estate agent*. Kien hemm perjodu fl-2010, fl-2011 u fl-2012 fejn kien informa lill-attriċi li kien qiegħed iwaqqaf xi kuntratti billi personalment ikkonsenjala s-SIM cards lura skont l-istruzzjonijiet tal-*key client officer*. Fejn kien hemm użu jindika li s-SIM card ma ngħatatx lura.

18. Mid-dokumenti eżebiti jirriżulta s-segwenti:

- il-kumpannija reġistrata bin-numru C35740 jisimha '*Simon Estates (Naxxar) Ltd*, u dan skont informazzjoni miksuba mis-sit elettroniku tar-Reġistratur tas-Soċjetajiet fid-29 ta' Ottubru 2015;

- il-pretensjoni attriċi tirreferi għas-segwenti kontijiet:

| ***Account Number*** | **Ammont** | **Numru tar-Reġistrazzjoni tal-Klijenta** |
|---|---|---|
| 50559784[4] | €388.49 | C35740 |
| 50559771[5] | €80.82 | C35740 |
| 50562840[6] | €246.48 | C35740 |
| 50562842[7] | €174.56 | C35740 |
| 50559754[8] | €61.80 | C30498 |

- mill-kontijiet eżebiti jirriżulta li l-unika pendenzi għall-<u>konsum</u> tas-servizz, esklużi *monthly charges* u *migration* huma fir-rigward tal-*account numbers* segwenti:

    (i) 50562842 fl-ammont ta' €66.56[9] u
    (ii) 50559754 fl-ammont ta' €31.53[10] li jidher li baqa' jintuża sa Jannar 2012. Hemm ukoll pretensjoni għal *legal charges* fl-ammont ta' €30.27[11] pero l-ebda spjegazzjoni ulterjuri ma ngħatat dwar dawn il-*legal charges* fix-xhieda prodotta.

19. Abbażi tas-suespost, safejn il-kuntratti għas-servizzi tat-telefonija in kwisjoni ġew iffirmati minn Simon Debono f'isem is-soċjetà bin-numru tar-reġistrazzjoni C35740, din il-Qorti tagħraf li t-Tribunal ma kellu qatt jasal għall-konklużjoni li t-talba attriċi ma tistax tiġi akkolta sempliċement għaliex isem il-klijenta fil-kuntratti relattivi jaqra '*SAM Estates (Naxxar) Ltd*' u mhux '*Simon Estates (Naxxar) Limited*'. Hu evidenti li n-numru tar-reġistrazzjoni tal-kumpannija huwa l-istess, l-appellanti għamlet sew meta indikat isem il-konvenuta appellata bl-isem korrett tagħha meta ġew intavolati l-proċeduri odjerni. Inoltré, fix-xhieda ta' Simon Debono stess a nom tal-konvenuta appellata kkonferma li kien ikkuntratta għal-linji telefoniċi in kwisjoni u ma qajjem l-ebda dubju dwar l-identità tal-kumpannija li f'isimha kien qiegħed jiffirma l-imsemmija kuntratti. Fil-fatt lanqas ma eccezzjoni li s-soċjeta

[4] **Dok SAM 1** u **Dok SAM2** a fol. 4 – 7 u **Dok SW5** a fol. 85 – 109.
[5] **Dok SAM 3** u **Dok SAM 4** a fol. 8 – 11 u **Dok SW4** a fol. 76 – 84.
[6] **Dok SAM 5** u **Dok SAM 6** a fol. 12 – 15 u **Dok SW1** a fol. 40 – 61.
[7] **Dok SAM 7** u **Dok SAM 8** a fol. 16 – 19 u **Dok SW3** a fol. 65 – 75.
[8] **Dok SAM 9** u **Dok SAM 10** a fol. 20 – 23 u **Dok SW2** a fol. 62 – 64.
[9] Kontijiet numri 26740086, 26882898 u 27209542 a fol. 65 – 67.
[10] Kontijiet numri 27317806 u 27415495 a fol. 62 – 63.
[11] Kont numru 33597793 a fol. 64.

konvenuta ma kinitx il-leġittimu kontradittur. Dan hu każ fejn hu evidenti li t-Tribunal ma tax każ ta' provi ċari li kellu quddiemu.

20. Isegwi li d-deċiżjoni appellata manifestament tikkozza mal-provi prodotti, b' dan illi, tmur kontra d-dettami tal-ekwità skont il-liġi bi preġudizzju tal-jeddijiet tal-appellanti. Din il-Qorti sejra għalhekk tħassar id-deċiżjoni appellata u taqta' t-talba hi stess a tenur tal-artikolu 8(4) tal-Kap. 380.

21. Fil-mertu, din il-Qorti hija sodisfatta mill-veraċità tax-xhieda mogħtija minn Simon Debono, li fl-ebda waqt ma ġiet imxejjna mill-attriċi. Huwa jgħid li kien informa lill-attriċi llum appellanti li kien qiegħed iwaqqaf xi kuntratti billi personalment ikkonsenjala s-SIM cards lura skont l-istruzzjonijiet tal-*key client officer*. Fejn kien hemm użu jindika li s-*SIM card* ma ngħatatx lura.

22. Abbażi ta' dan, din il-Qorti qegħda tiċħad it-talba attriċi fir-rigward tal-*account numbers* 50559784, 50559771 u 50562840 għar-raġuni li skont il-kontijiet preżentanti, il-pendenzi relattivi għalihom jirreferu biss għal:

- *'migration'* minn sistema preċedenti li minn imkien ma jirriżulta li effettivament tirrapreżenta konsum; u
- *'monthly charges for GO Mobile Services'* li ma jirrapreżentawx konsum, kif konfermat mir-rappreżentanta tal-attriċi stess.

23. It-talba attriċi fil-konfront tal-*account number* 50559754 qegħda ukoll tiġi miċħuda in vista tal-fatt li l-kuntratt relattiv sar ma' '*SAM REAL ESTATE SERV LTD'* bin-numru tar-reġistrazzjoni C30498 u għalhekk il-konvenuta appellata ma tistax twieġeb għal din il-pretenzjoni stante li hija kumpannija differenti mill-attriċi u m'hijiex parti f'din il-kawża.

24. Dwar it-talba relattiva għall-*account number* 50562842, din sejra tiġi biss akkolta in parte safejn il-kontijiet relattivi jirreferu għall-konsum effettiv. A skans a ripetizzjoni din il-Qorti tirreferi għall-paragrafi preċedenti tal-kunsiderazzjonijiet tagħha u tilqa' din it-talba limitatament fl-ammont ta' €66.56.[12]

**Għal dawn il-motivi il-Qorti, sa fejn kompatibbli ma' dak li ngħad hawn fuq, tilqa' l-appell tas-soċjetà attriċi, tħassar is-sentenza appellata mogħtija mit-Tribunal għal Talbiet Żgħar fl-24 ta' Frar 2016, tilqa' it-talba attriċi limitatament għall-ammont ta' sitta u sittin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu (€66.56) u tikkundanna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-attriċi appellanti s-somma ta' sitta u sittin Ewro u sitta u ħamsin ċenteżmu**

[12] Kontijiet numri 26740086, 26882898 u 27209542 a fol. 65 – 67.

**(€66.56), bl-imgħax mid-data tan-notifika tal-avviz tat-talba u bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi jinqasmu 7% a karigu tal-konvenuta appellata u 93% a karigu tal-attriċi appellanti.**

Anthony Ellul.